MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 376/1996/1

**Josephine Bartolo**
**debitament assistita minn zewgha Paul Bartolo,**
**u l-istess Paul Bartolo**

**vs**

**Piju Vella**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut prevja occorrendo dikjarazzjoni li l-konvenut qieghed jokkupa u jikkoltiva r-raba maghruf Tas-Silga, f'Burmarrad, tal-kejl ta' hames sieghan bla ebda titolu validu fil-Ligi, jizgombra mill-istess imsemmi raba, f'terminu qasir u perentorju li jigi prefiss lill-konvenut ghal tali skop, u b'hekk ihallih liberu u vojt favur l-atturi li lilhom jappartjeni dak ir-raba b'titolu ta' qbiela.

Esklussivament a skopijiet ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tar-raba meritu tal-kontestazzjoni ma jissuperax is-somma ta’ Lm200 fis-sena.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Novembru, 1995, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta’ Jannar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta’ xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra mir-raba maghruf Tas-Silga, f’Burmarrad, tal-kejl ta’ hames sieghan bla ebda titolu validu fil-Ligi, u jhallih liberu u vojt favur l-atturi li lilhom jappartjeni dak ir-raba b’titolu ta’ qbiela, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------